**DRAMA FIL-KURRIKULU**

# ŻVILUPP SOSTENIBBLI

*AWDJO: ĦSEJJES TAT-TRAFFIKU, SIRENI TAL-MUTURI TAL-PULIZIJA, EĊĊ*

*JIDĦOL GRUPP TA' NIES LEBSIN L-ISWED, BIL-MASKRI TA' KONTRA T-TNIĠĠIŻ*

**Nies bil-maskri:** X'se jiġri mill-bniedem
b'dat-tniġġis.
Hekk kif l-ambjent
ikompli bil-korruzzjoni?

**Oratur:** Jeħtieġ nifhmu l-problema
tal-iżvilupp sostenibbli.
Irridu nifhmu l-problema
tal-mument: il-ħarsien
tal-ambjent. Kif se tikber
l-ekonomija b'mod ġust?
Kif se jitqassam il-ġid soċjali?

*AWDJO: NEW YORK! NEW YORK!*

**Narratur:** Hawn ninsabu fi New York,

l-aqwa metropoli tad-dinja.
Imma stennew ftit, ħbieb, taħt
it-tlellix ta' Times Square
hemm realtà oħra.
U f'Malta tafu kemm hawn nies
f'riskju tal-faqar?

*FUQ L-ISKRIN JITLA' N-NUMRU* ***100,000***

Iva, ħbieb, f'Malta wasalna biex ikollna
mitt elf ruħ f'riskju ta' faqar.
Dan jammettuh iż-żewġ partiti politiċi l-kbar.

*JIMXI. JINNOTA "PERSUNI" REQDIN MAL-ART.*

**Nies bil-maskri:** *Għidilna x'int tara*
*Għidilna x'int issib*
*Għidilna x'int tinnota*
*fit-triqat u l-kantunieri*
*ta' New York.*

**Oratur** *(JIMMIMA)***:** Dan li se nurikom ma jidhirx
fi New York biss. Nistgħu narawh
f'tant bliet oħra.

*“JIMITA”MIMA.* Dan ir-raġel

mitluq mal-art raqad hemm

lejl sħiħ. Imgħotti bil-plastik.

*JIMXI FTIT*

U dan, wara li kiel

xi biċċtejn pizza mil-landa taż-żibel

ta’ ristorant lussuż,

raqad fuq tappiera mnejn

tiela’ s-sħana tal-kċina

tar-restorant.

**Nies bil-maskra**: Aħna l-kuxjenza

tal-ekosistema.

Aħna n-nies tat-teorema

u tas-sistema.

**Oratur:** *(JIPPRIETKA)* Qed nappella

biex nikkonnettjaw l-ispazju

u ż-żmien!

**Il-maskri:** Din tqila wisq! Għidilna xi trid tgħid! Spjegalna sew.

**Oratur:** Ħarsu lejn l-iskrin

*SKRIN (KAPXINS JITILGĦU WARA XULXIN)*

SILENT SPRING, 1952

Rio 1992 : EARTH SUMMIT

THE BUNTLAND REPORT TAL-KANADA 2007

Dawk, ħbieb, huma rapporti internazzjonali
li jaraw id-dinja bħala sistema globali.

**Maskri:** Sistema! Sistema!
Tittratta kollox f'teorema!

**Oratur** *(SOLENNI):* L-iżvilupp sostenibbli
jfisser li jekk hemm
it-tniġġis tal-arja
fl-Istati Uniti, dan
jista' jaffettwa l-kwalità
tal-arja fl-Asja.

*SKRIN (TNIĠĠIS)*

U pestiċidi mill-Arġentina
jistgħu jaffettwaw il-ħut
fl-Awstralja.
U l-pestiċidi f'Mata?
Xi ngħidu dwarhom?

*JIDĦOL ESPERT LIEBES IL-BLUŻA BAJDA*

**Espert:** Mela n-nies tal-politika
jridu joħorġu b’urġenza
għax din żgur hi emerġenza
riformi dwar soluzzjonijiet
għall-ilma.
L-enerġija trid tkun nadifa
u mingħajr karbonju.

*(TNABAR)* Hemm problemi
oħra ta’ sostenibbilità.
Malta għandha bżonn
politika ta’ integrazzjoni
tar-refuġjati.
Ħafna minnhom
dawn għadhom
żgħar fl-età u jkunu
jistgħu jħallsu taxxi biżżejjed
biex ipattu għall-ġenerazzjoni
tal-anzjani Maltin.

*TANBUR MINN WARA L-PALK*

**Oratur:** Il-politiċi jridu jħarsu lill-komunità mir-riskji.

**Il-maskri:** U jekk l-arja tibqa' mniġġsa?

Tajjeb li temmen f'Alla u r-reliġjon…

Imma, imbagħad, jekk

ma tistax tipproteġi lill-familja tiegħek?

U aktar u aktar, jekk tkun fix-xifer tal-faqar.

**Oratur**: Ejjew nieħdu lil Malta. Kulħadd

**Maskri:** irid l-appoġġ u jaħdem bl-arloġġ.

**Oratur:** Jilmenta fuq il-problema tat-traffiku.

Fl-2015 f'Malta kienu reġistrati

400,000 karozza privata.

*SKRIN:* *400,000 KAROZZA PRIVATA*

**Oratur:** Kull familja għandha 4 jew 5 karozzi.

Iżda pprova żomm l-ammont

ta' reġistrazzjonijiet biex ittaffi

l-volum u tinħoloq rivoluzzjoni!

**Nies bil-maskri:** U mela le! Issa hekk jonqos ukoll! Tillimitawlna

kemm ikollna karozzi fil-familja!

*(TINĦOLOQ KONFUŻJONI)*

*SKRIN: FILMAT TA' KONĠESTJONI TAT-TRAFFIKU, EŻ. FL-IMSIDA*

**Oratur:** Araw: ejjew nikkalmaw.

Kieku intom kellkom xi poter politiku, kif kontu ssolvu xi ftit il-problema tat-traffiku?

Kif tippruvaw issolvuha b'mod sostenibbli?

Niftakru wkoll li t-tniġġis mit-traffiku qed iwassal għal ħafna mard respiratorju anki l-kanċer.

X'se nagħmlu b'mod konkret?

*TIBDA D-DISKUSSJONI*

**TMIEM**